

# Santa Katarina u t-Tradizzjonijiet Marbuta Magħha

*Il-Kav. Etienne Schembri KLJ. CMLJ.*

Mèta wieħed imur lura fl-istorja tal-knisja fil-gżejjer Maltin isib li l-imħabba lejn il-Qaddisa Lixandrina Santa Katarina tmur lura mijiet tas-snin, tant li l-parroċċi taż-Żejtun u ż-Żurrieq stabbilew ruħhom qabel is-seklu ħmistax u huma fost l-ewwel għaxar parroċċi fil-gżejjer Maltin. Bħalma lil San Nikola nattribwixxuh mar-rigali mqassma fil-Milied, hekk ukoll lil Santa Katarina fittxewha u żammewha bi protettriċi għalihom u jfakkru l-ġurnata tagħhom bi tradizzjonijiet differenti.

## Renju Unit

Fir-Renju Unit, il-ġurnata tal-25 ta' Novembru hija ġurnata ddedikata u li tigi mfakkra mill-ħaddiema tal-bizilla. It-tradizzjoni ta' dawn il-ħaddiema hija li fil-ġurnata jsajjru gallettini magħrufa bħala "Catterns Cakes" (gallettini Katerinjani). Dawn ikunu magħmula minn għaġina tal-ħobż, bajd, zokkor, xaħam jew butir u żerriegħa tal-ħlewwa.
Fir-Renju Unit jattribwixxu wkoll in-nar tal-art ma'din il-Qaddisa Kbira, tant li r-roti jduru għal-logħob tal-ġiġġifogu jsejjħulhom "St. Catherine's wheels" (ir-Roti ta' Santa Katarina).

## Kanada

Fl-Istat tal-Kanada, ix-xbejbiet li jkunu għadhom ma sabux l-imħabba ta' ħajjithom ifakkru wkoll il-ġurnata tal-25 ta' Novembru lil Santa Katarina ta' Lixandra b'ħelu li jsejħulu "St. Catherine's Taffy".

Dan il-ħelu jikkonsisti minn taħlita ta' zokkor, żejt jew butir, b'togħmiet u kulur tal-ikel ċar imsajjra flimkien sakemm jiggumaw u jsiru taħlita tiġġebbed sakemm tiġi mrembla u mqatta' fi bċejjeċ u wara mgeżwra f'karti kkulurititi ċari.

Din kienet tradizzjoni li bdiet il-fundatriċi tal-kongregazzjoni ta' Notre Dame of Montreal lura fis-sena 1653, fejn kellha missjoni li tgħallem lix-xbejbiet, lill-foqra u oħrajn fil-bżonn sal-aħħar ta' mewtha u li aktar tard ġiet iddikjarata Qaddisa: Marguerite Bourgeoys.

## Estonja

Fl-Estonja nsibu li hemm minn tal-inqas ħames parroċċi ddedikati lil Santa Katarina u bosta kappelli oħra. Fl-Estonja, il-jum tal-25 ta' Novembru ddeidkat lil Santa Katarina huwa wieħed li fih ifakkru l-miġja tal-istġun tax-Xitwa, waqt li llum jiġi ċċelebrat b'mod folkloristiku kważi mal-pajjiż kollu.

It-tradizzjoni tal-festa ta' Santa Katarina fl-Estonja tixbaħ lil dik ta' San Martin li tiġi ċċelebrata erbatax –il jum qabel. Dan għar-raġuni li din il-festa hija attribwita ma' ġbir ta' ikel, ħlewwiet u ħwejjeġ għal dawk kollha bi bżonnijiet soċjali. Din it-tradizzjoni titlob li lejlet il-festa ta' Santa Katarina jilbsu lbies sabiħ u joħorġu jħabbtu bieb bieb jiġbru l-ikel, qoton u ħelu, waqt li kull min jagħti minn dawn l-oġetti tintraddlu lura barka fuqu u fuq il-familja u jitkantawlu versi biex jikkumplimentaw l-għotja b'ringrazzjament lura.

Ftit tas-snin ilu n-nisa Estonjani kienu dawk li jieħdu ħsieb il-merħliet fl-irziezet u r-raba' tagħhom u fil-ġurnata tal-25 ta'Novenbru kienu jżommu t-tradizzjoni li jilbsu l-isbaħ ilbies. Hawn ta' min jinnota li din it-tradizzjoni kienet tgħodd ukoll għall-irġiel li setgħu jilbsu ħwejjeġ femminili għal dan il-jum. L-irġiel setgħu ukoll jilbsu xi ġlud t'annimali ndaf u maskra t'annimal biex hekk ikunu qed iħabbru li ġej l-istaġun tas-silġ u l-borra.

Għad illi f'jum il-festa ta' San Martin u ta' Santa Katarina l-Estonjani kienu jduru biex jiġbru

***ikompli....***

bżonnijiet għal min hu inqas ixxurtjat , waqthom ukoll kienu jkantaw linji simili biex iħallu barkiet fuq il-familji, iżda bejn il-festa ta' San Martin u ta' Santa Katarina ma kienx isir xogħol ta' tniġġiż tan-nagħaġ u l-merħliet għax kienu jemmnu f'superstizzjoi li jekk jiġġiżżu, in-ngħaġ jistgħu ma jimmaturawx.

Din is-superstizzjoni kienet tant qawwija li nhar il-25 ta' Novenbru, la kienu jħitu, la jaħdmu l-qoton u lanqas jaħdmu s-suf fuq il-labar.

Il-festa ta' Santa Katarina żammet il-pożizzjoni tagħha matul iż-żmien, saħansitra anke meta l-Estonja kienet taħt l-okkupanza Sovjetika. Illum din il-festa xorta waħda għadha waħda popolari b'mod partikolari fost l-istudenti u c-ċittadini tal-irħula.

## Franza

Fi Franza, jum il-Qaddisa Santa Katarina V.M. huwa jum iddedikat għal dawk ix-xbejbiet li għalqu l-ħamsa u għoxrin sena u għadhom ma sabux is-sieħeb ta' ħajjithom u li jsejħu lilhom innfushom "`Catherinettes". It-tradizzjoni hija li dawn it-tfajliet jibagħtu kartolini lil xulxin biex bihom jawguraw is-sejba tar-raġel ta' ħajjithom waqt li l-ħbieb tagħhom jagħmlulhom kpiepel ikkuluriti b'mod partikulari isfar, b'simbolu ta' fidi, u aħdar, simbolu ta' għarfien. Xi drabi dawn il-kpiepel ikunu veru kbar jekk mhux ukoll xi ftit esaġerati. Dawn il-kpiepel kienu jintlibsu tul il-jum kollu, waqt li bihom kienu jagħmlu pellegrinaġġi għal quddiem Santa Katarina biex jitolbuha tinterċedi għalihom sabiex jinstab ir-raġel ta' ħajjithom. Il-ġurnata tintemm bejniethom flimkien mal-ħbieb.

It-tfajliet Franċiżi qabel jiċċelebraw il-ħamsa u għoxrin sena tagħhom jiġu mħeġġa biex jitolbu t-talba: "O Alla, agħtini r-raġel misthoqq lili. Agħmel li jkollu kwalitajiet ġentili, qagħda finanzjarja tajba, ġeneruż u t'għoġba." Meta jagħlqu l-ħamsa u għoxrin sena jitolbu: "Mulej, la tħallinix waħdi. Ħadd mhu maħluq biex jgħix waħdu." Filwaqt li meta jkunu waslu biex jiċċelebraw it-tletin sena tagħhom u jkunu għadhom mingħajr għarus kienu jitolbu hekk: "Ibgħatli lil dak ir-raġel li trid u bih jien nikkuntenta, O Mulej!"

Talba oħra li x-xbejbiet u xebbiet Franċiżi jitolbu lil Santa Katarina hija xi ħaga hekk:
"O Santa Katarina kun twajba magħna,
Ma baqagħlna l-ebda tama għajr fik.
Inti l-protettriċi tagħna.
Ikollok ħniena minna.
Nintelqu għarkopptejna quddiemek,
U nitolbuk għaż-żwieġ tagħna.
Ikollok ħniena minna, sibilna lis-sieħeb tagħna.
Qalbna hija mħeġġa bl-imħabba.
Nitolbuk li tisma' talbna,
Li ġej minn qalb imtaqqla.
O Santa Katarina, inti Ommna,
Nitolbuk issibilna mħabbitna."

L-istess mod ta' festa tiġi mħarsa u ċċeleberta fl-Istati Uniti, tradizzjoni li ħadu magħhom il-Franċiżi li emigraw hemm u li tiġi ċċelebrata mill-ħaddiema tal-imtieħen, ħajjata u xebbiet.

## Malta

F'Malta, meta għandna żewġ parroċċi, bosta knejjes u kappelli ddedikati lil Santa Katarina ta' Lixandra ma jistax jonqos li aħna wkoll ikollna t-tradizzjonijiet marbuta mal-25 ta' Novembru. Fl-imgħoddi, b'mod partikulari l-parruċċani taż-Żejtun u ż-Żurrieq kienu jżommu lura milli jħaddmu l-imtieħen tar-riħ, jaħdmu l-qoton u jużaw kull ħaġa li fiha kellha xi forma ta' dawrien. Saħansitra kien hemm irġiel li lanqas biss kienu jużaw il-ħmir u l-bhejjem biex ittellgħu l-ilma mis-sienja. L-imtieħen tar-riħ kienu jitrażżnu biex ma jdurux u bosta nisa kienu jagħżlu li f'dak il-jum ma jsajjrux ikel biex jevitaw li jħawwdu l-borma għax tkun qed tifforma ċirku.

Fl-imgħoddi kien hemm għidut li ma tantx kien jinżel tajjeb mal-parruċċani ta' Santa Katarina, li kien jgħid, "Jekk toħroġ is-seftura, toħroġ is-Sinjura" u dan kien jingħad b'referenza għal festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla, li jfisser li jekk nhar il-25 ta' Novembru jkun bnazzi, kien ikun mistenni bnazzi wkoll nhar it-8 ta'Diċembru........ iżda ngħiduha kif inhi: Min ma jixtieqx li jkun seftur tal-Madonna!?